# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA KOST.03

## REGOLAMENTI TAL-PROĊEDURA TA' DIXXIPLINA TAL-KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

1 ta' Frar, 2000

*L-AVVIŻ LEGALI 186 tal-1999, kif emendat bl-Avviżi Legali 67 tal-2006, 345 tal-2009 u 247 tal-2012.*

TAQSIM TAR-REGOLAMENTI


| | | Regolamenti |
|---|---|---|
| | Preliminari | 1 -10 |
| TAQSIMA I | Sospensjoni u Interdizzjoni | 11 -12 |
| TAQSIMA II | Reati Kriminali | 13 -16 |
| TAQSIMA III | Proċedimenti Dixxiplinarji taħt Delega ta' Awtorità | 17 - 27 |
| TAQSIMA IV | Proċedimenti Dixxiplinarji meta ma jkunux ġew delegati s-Setgħat ta' Dixxiplina | 28 |
| TAQSIMA V | Reati u Pieni | 29 |
| TAQSIMA VI | Appelli minn Deċiżjonijiet Dixxiplinarji u Reviżjoni ta' Rakkomandazzjonijiet li jkunu saru mill-Kummissjoni | 30 - 33 |
| TAQSIMA VII | Tneħħija mill-Kariga | 34 - 36 |
| TAQSIMA VIII | Mixxellanji | 37 - 43 |

SKEDA TA' REATI U PIENI

PRELIMINARI

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Tifsir. *Emendat: A.L. 345 tal-2009. Sostitwit: A.L. 247 tal-2012.*

2. F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba l-kuntest tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"Avukat Ġenerali" tfisser l-Avukat Ġenerali maħtur taħt l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni, jew uffiċjal legali awtorizzat minnu;

"il-Bord" tfisser Bord ta' Dixxiplina maħtur kif provdut fir-regolament 21(3);

"Kap ta' Dipartiment" tfisser il-kap ta' xi dipartiment tal-Gvern elenkat fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, imma għall-fini ta' dawn ir-regolamenti tinkludi wkoll: (Kap. 497.)

(*a*) Segretarji Permanenti u Diretturi Ġenerali u Diretturi li m'humiex Kapijiet ta' Dipartiment;

(*b*) kull uffiċjal pubbliku ieħor jew awtorità oħra, li ma jkunux Kap ta' Dipartiment, li lilhom tkun ġiet delegata s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni;

u "dipartiment tal-Gvern" u "dipartiment" għandhom jiftiehmu f'dan il-kuntest:

"Kap tas-Servizz Pubbliku" tfisser l-uffiċjal pubbliku li jkollu l-kariga jew li jaġixxi bħala Segretarju Permanenti Ewlieni kif hemm fl-artikolu 14 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; (Kap. 497.)

"il-Kostituzzjoni" tfisser il-Kostituzzjoni ta' Malta li saret liġi bl-Or dni t al-1964 dwar l-Indipenenza ta' Malta;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif magħmula taħt l-artikolu 109 tal-Kostituzzjoni;

"*Panel* Dixxiplinarju Permanenti" tfisser *panel* imwaqqaf kif hemm fir-regolament 21(1);

"ir-Regolamenti tal-1977" tfisser ir Regolamenti tal-1977 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina);

"salarju" tfisser is-salarju bażi jew, hekk kif jista' jkun il-każ, il-paga bażi;

"Segretarju Eżekuttiv" tfisser is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

"Segretarju Permanenti" tfisser uffiċjal pubbliku maħtur bħala Segretarju Permanenti kif hemm fl-artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni;

"servizz pubbliku" jew "servizz" tfisser is-servizz pubbliku kif imfisser fl-artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni;

"sospensjoni definittiva" tfisser sospensjoni mingħajr paga bħala piena wara proċeduri ta' dixxiplina, u "jissospendi għal perjodu definittiv" għandha tiftiehem skont hekk;

"sospensjoni sommarja" tfisser sospensjoni b'nofs paga minn Kap ta' Dipartiment bħala miżura għal xi żmien kif hemm fir-

regolament 11(1), 12(3) jew 14(3), u "jissospendi sommarjament" għandha tiftiehem skont hekk;

"sospensjoni temporanja" tfisser sospensjoni b'mhux inqas minn nofs paga mill-Kummissjoni kif hemm fir-regolament 12 jew 14 sakemm jintemmu l-proċeduri dixxiplinarji jew kriminali, u "jissospendi temporanjament" għandha tiftiehem skont hekk;

"uffiċjal pubbliku" jew "uffiċjal" tfisser uffiċjal pubbliku kif imfisser fl-artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni;

"Żona Schengen" tfisser l-istati li huma parti mill-Ftehim tax-Schengen kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni. L.S. 217.04.

Setgħat tal-Kummissjoni. *Emendat: A.L. 247 tal-2012.*

3. (1) Il-Kummissjoni tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tistħarreġ l-eżerċizzju ta' kontroll dixxiplinarju minn kull Kap ta' Dipartiment.

(2) Minkejja kull ħaġa'oħra f'dawn ir-Regolamenti, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tieħu jew li żżomm milli tieħu dik l-azzjoni li tista' tqis li tkun xierqa li tieħu jew li ma tiħux fiċ-ċirkostanzi, u kull talba jew direttiva mill-Kummissjoni lil xi uffiċjal pubbliku, Bord jew awtorità oħra, minbarra lill-Prim Ministru, li jkunu qegħdin iwettqu funzjonijiet skond dawn ir-Regolamenti jew xort'oħra taħt l-awtorità tal-Kummissjoni jew f'isem il-Kummissjoni għandhom jiġu osservati minn dak l-uffiċjal pubbliku, Bord jew awtorità.

(3) Meta l-Kummissjoni tqis li Kap ta' Dipartiment ikun abbuża jew uża ħażin l-awtorità lilu delegata jew li jkun naqas milli jeżerċita sew kontroll dixxiplinarju fid-dipartiment tiegħu, hija għandha tmexxi dak l-istħarriġ li tqis li jkun meħtieġ sabiex tistabbilixxi jekk dik l-awtorità delegata kinetx attwalment abbużata jew użata ħażin jew jekk il-kontroll dixxiplinarju kienx ġie eżerċitat sew u tista' tirrakkomanda lill-Prim Ministru li d-delegata għar-rigward ta' dak il-Kap ta' Dipartiment għandhiex tiġi rtirata jew emendata u, meta jkun hekk xieraq, li tittieħed azzjoni dixxiplinarja skond dawn ir-Regolamenti.

(4) Meta l-Kummissjoni tkun sodisfatta li uffiċjal pubbliku, Bord jew awtorità oħra, minbarra l-Prim Ministru, li jkun qed jiffunzjona skond dawn ir-Regolamenti jkun naqas milli josserva xi talba magħmula jew direttiva mogħtija mill-Kummissjoni għall-iskopijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, jew li jkun naqas milli jwettaq b'mod sodisfaċenti l-funzjonijiet minnu meħtieġa skond dawn ir-Regolamenti, jew li jkun naqas milli josserva dak li jeħtieġu jew dak li jipprojbixxu, hija tista' tirrakkomanda lill-Prim Ministru li għandha tittieħed azzjoni dixxiplinarja kontra l-uffiċjal, Bord jew awtorità oħra li jkun qed jonqos, skond dawn ir-Regolamenti.

(5) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha żżomm lill-Kummissjoni, bil-kunsens tal-Prim Ministru, milli toħroġ direttivi u linji gwida lis-Segretarji Permanenti, Kapijiet ta' Dipartimenti w uffiċjali oħra dwar l-interpretazzjoni u t-tħaddim ta' dawn ir-regolamenti u t-twettiq ta' kull funzjoni mogħtija lilhom b'dawn ir-regolamenti jew taħthom jew delegati lilhom taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

Imġiba uffiċjali li twassal għal proċedimenti dixxiplinarji.

4. Jistgħu jinbdew proċedimenti skond dawn ir-Regolamenti kontra uffiċjal għall-imġieba li ġġib diżunur lis-servizz pubbliku, jew għall-imġieba ħażina, jew għal kull ksur ta' dixxiplina jew tal-kodiċi ta' l-etika, jew għal xogħol mhux sodisfaċenti u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel -

(*a*) kull meta tinkiser jew ma tiġix osservata xi liġi, regola, regolament jew kodiċi li minn żmien għal żmien ikun jirregola s-servizz pubbliku, jew il-kondotta ta' uffiċjali pubbliċi, jew it-transazzjoni ta' xogħol tal-gvern; jew

(*b*) kull meta tinkiser jew ma tiġix osservata xi ordni leġittima, direttiva jew struzzjoni, sew miktuba kif ukoll verbali, li jistgħu proprjament jingħataw minn uffiċjal jew awtorità superjuri.

Reati għandhom jiġu rapportati mingħajr dewmien. *Emendat: A.L. 67 ta' l-2006.*

5. (1) Uffiċjal għandu jirrapporta lill-Kap tad-Dipartiment kull kondotta ħażina jew ksur ta' dixxiplina li ssir minn uffiċjal li jkun taħt ir-responsabbiltà tiegħu minnufih kif isir jaf bir-reat, u f'ebda każ aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li jsir jaf bir-reat, kemm-il darba ma jkunx ħa azzjoni skond ir-regolament 18.

(2) Uffiċjal li kontrih ikun twettaq reat serju taħt dawn ir-regolamenti (il-vittma) ikollu l-jedd li jagħmel ilment formali bil-miktub lill-Kap tad-Dipartiment tiegħu mhux iżjed tard minn sitt xhur mid-data meta jkun sar ir-reat allegat kontrih. Il-Kap tad-Dipartiment għandu jiddeċiedi jekk għandux jibda proċedimenti dixxiplinarji jew le kontra l-uffiċjal li kontrih jkun sar l-ilment skond dawn ir-regolamenti, wara li jkun għamel investigazzjoni preliminari li għandha tkun konkluża mhux iżjed tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol minn meta l-Kap tad-Dipartiment jirċievi l-ilment bil-miktub:

Iżda, f'każijiet fejn il-vittma u min jagħmel ir-reat ma jkunux jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' l-istess Kap tad-Dipartiment, iż-żewġ Kapijiet tad-Dipartimenti involuti għandhom jikkonsultaw bejniethom qabel ma tittieħed xi azzjoni oħra skond ir-regolamenti mill-Kap tad-Dipartiment ta' l-uffiċjal li allegatament wettaq ir-reat.

Drittijiet ta' uffiċjal li jkun qed iwieġeb għal akkużi dixxiplinarji. *Emendat: A.L. 67 tal-2006; A.L. 345 tal-2009; A.L. 247 tal-2012.*

6. (1) Qabel ma jibda jinstama' l-każ, l-uffiċjal li jkun qed jiġi akkużat bir-reati msemmija fir-regolament 4 jkollu l-jedd ikun jaf x'inhu l-każ kollu kontra tiegħu, għandu jkollu opportunità adegwata li jressaq id-difiża tiegħu u għandu jkollu aċċess għal kull prova dokumentarja. Kull prova dokumentarja li tinġieb wara li jibda s-smigħ tal-każ m'għandhiex tintuża kontra l-uffiċjal kemm-il darba l-uffiċjal ma jkunx ġie qabel provdut b'kopja tagħha jew ingħata l-faċilità li jaraha u ġie mogħti żmien raġonevoli biex jikkonsidraha u jagħti risposta dwarha.

(2) L-uffiċjal li jkun qed iwieġeb l-akkużi dixxiplinarji jkollu l-jedd għall-assistenza ta' persuna li jagħżel huwa fit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-każ tiegħu u f'kull stadju tas-smigħ fis-seduti quddiem Bord ta' Dixxiplina jew quddiem il-Kummissjoni inkluż kull smigħ fl-appell.

(3) L-uffiċjal li jkun qed iwieġeb għal akkużi dixxiplinarji jkollu l-jedd, kemm jista' jkun malajr iżda mhux iktar tard minn għoxrin jum tax-xogħol mid-data meta l-Kap tad-Dipartiment jew il-Kummissjoni, skond il-każ, jieħu d-deċiżjoni finali dwar il-ħtija jew xort'oħra ta' l-uffiċjal konċernat, li jsir jaf bid-deċiżjoni dwar kull rapport jew akkuża u l-piena (jekk ikun il-każ) li tkun ġiet imposta fuqu. Dan kollu għandu jiġi komunikat bil-miktub mill-Kap tad-Dipartiment jew mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, skond il-każ.

(4) (*a*) Meta uffiċjal li jkun qed iwieġeb għal akkużi dixxiplinarji jkollu l-jedd taħt dawn ir-regolamenti li jkun avżat dwar xi kwistjoni jew li jingħata xi informazzjoni, dak il-jedd għandu, kemm-il darba dawn ir-regolamenti ma jordnawx mod ieħor, jitqies li jkun inżamm jekk in-notifika tkun waslet fl-indirizz rappurtat l-iżjed riċenti mill-uffiċjal lid-dipartiment tiegħu bħala l-indirizz tad-dar tiegħu, u jekk tinżamm prova tal-kunsinna.

(*b*) Xejn minn dak imsemmi hawn qabel m'għandu jittieħed bħala li jipprekludi t-twettiq tal-jedd imsemmi permezz tal-kunsinna tan-notifika jew tal-informazzjoni direttament lill-uffiċjal li jkun qed iwieġeb għal akkużi, sakemm tkun inżammet prova ta' dik il-kunsinna.

Rappreżentanti dipartimentali f'seduti dixxiplinarji, eċċ.

7. Il-Kap ta' Dipartiment li jakkuża b'imġieba ħażina jew ksur ta' dixxiplina xi uffiċjal ikollu l-jedd li jagħżel lil min irid sabiex jidher għalih, f'kull stadju tas-smigħ f'seduti quddiem Bord ta' Dixxiplina jew quddiem il-Kummissjoni, inkluż f'kull smigħ fl-appell.

Proċedimenti mill-Kap tas-Servizz Pubbliku u mis-Segretarju Permanenti. *Emendat: A.L. 247 tal-2012.*

8. (1) Kull meta li l-uffiċjal pubbliku li kontra tiegħu jkunu se jittieħdu proċedimenti dixxiplinarji jkun Kap ta' Dipartiment, jew Direttur Ġenerali jew Direttur li lilu jkunu ġew delegati s-setgħat biex jeżerċita azzjoni dixxiplinarja, il-Kap tas-Servizz Pubbliku għandu jieħu dik l-azzjoni li l-Kap ta' Dipartiment għandu s-setgħa li jieħu skond dawn ir-Regolamenti.

(2) Meta s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rilevanti jqis li jkun hemm raġunijiet jew ċirkostanzi li ġustament juru li mhux xieraq li Kap ta' Dipartiment jinvolvi ruħu f'azzjoni dixxiplinarja dwar xi uffiċjal pubbliku li jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rilevanti għandu jieħu l-każ f'idejh u jieħu dik l-istess azzjoni li għandu s-setgħa jieħu dak il-Kap ta' Dipartiment skond dawn ir-Regolamenti.

Proċedimenti kontra uffiċjal pubbliku li ma jkunx qed iservi f'dipartiment tal-Gvern.

9. Kull meta l-uffiċjal pubbliku li kontra tiegħu jkunu se jittieħdu proċedimenti dixxiplinarji jkun qed iservi f'uffiċċju jew stabbiliment li ma jagħmilx parti minn xi dipartiment tal-Gvern, il-Kap tas-Servizz Pubbliku għandu jieħu dik l-istess azzjoni bħalma Kap ta' Dipartiment għandu s-setgħa li jieħu skond dawn ir-Regolamenti:

Iżda l-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jista' jiddelega dik is-

setgħa lill-uffiċjal anzjan ta' dak l-uffiċċju jew stabbiliment taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fid-delega ta' awtorità.

Setgħat ġenerali ta' sorveljar.

10. Ebda ħaġa f'dawn ir-Regolamenti m'għandha titqies bħala li tnaqqas mis-setgħa u d-dmir ta' uffiċjal li jiġbed l-attenzjoni ta' xi uffiċjal li huwa jkun responsabbli għalih dwar l-imġieba tiegħu, l-osservanza tar-regolamenti, l-istruzzjonijiet u l-mod kif iwettaq dmirijietu.

*Sostitwit: A.L. 247 tal-2012.*

TAQSIMA I - SOSPENSJONI SOMMARJA U TEMPORANJA

Sospensjoni sommarja. *Emendat: A.L. 247 tal-2012.*

11. (1) Kull meta Kap ta' Dipartiment iqis li jeħtieġ li uffiċjal għandu jiġi sommarjament sospiż minħabba allegata mġiba ħażina jew ksur ta' dixxiplina jew talli ma jkunx obda ordnijiet leġittimi, sew miktuba kif ukoll verbali, jew sabiex isiru investigazzjonijiet sew dwar xi reat li jkun qed jiġi allegat, huwa jista' sommarjament jissospendi lill-uffiċjal għal jumejn tax-xogħol li jistgħu jittawlu sa ħamest ijiem tax-xogħol.

(2) L-uffiċjal sommarjament sospiż ikollu l-jedd jerġa' jidħol lura għax-xogħol minnufih hekk kif jiskadi l-perjodu ta' sospensjoni sommarja skont is-subregolament (1), u jekk il-Kap tad-Dipartiment jonqos milli jibda proċedimenti dixxiplinarji kontra l-uffiċjal skond ir-regolamenti 20 jew 28, l-uffiċjal għandu jirċievi l-ammont sħiħ ta' salarju li jkun inżammlu matul il-perjodu ta' sospensjoni sommarja. Dik is-sospensjoni sommarja m'għandha b'ebda mod tiġi reġistrata fir-*record* ta' servizz ta' dak l-uffiċjal.

(3) Meta tkun ittieħdet azzjoni dixxiplinarja kontra uffiċjal sommarjament sospiż skond dawn ir-Regolamenti u dak l-uffiċjal sussegwentement jinsab ħati ta' l-akkuża, għandu jitqies il-perijodu ta' sospensjoni sommarja meta tkun qegħda tiġi deċiża l-piena li għandha tingħata u għandhom isiru aġġustamenti fis-salarju tiegħu, kif u fejn ikun xieraq. Iżda meta uffiċjal ma jinstabx ħati, huwa għandu jirċievi l-ammont sħiħ ta' salarju miżmum matul il-perjodu ta' sospensjoni sommarja.

Sospensjoni sommarja u temporanja matul proċedimenti dixxiplinarji. *Emendat: A.L. 247 tal-2012.*

12. (1) Meta fil-każ ta' allegat reat gravi, il-Kap tad-Dipartiment jidhirlu li jkun fl-interess pubbliku li l-uffiċjal jiġi sospiż sommarjament mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, huwa għandu fl-istess ħin u flimkien ma' l-azzjoni li tittieħed skond ir-regolamenti 20 jew 28, jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni għas-sospensjoni sommarja tal-uffiċjal, filwaqt li jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni li jkun ħa.

(2) Il-Kummissjoni għandha tqis id-deċiżjoni tal-Kap tad-Dipartiment u għandha tirrakkomanda lill-Prim Ministru jekk l-uffiċjal għandux jiġi sospiż sommarjament jew le.

(3) Il-Kap tad-Dipartiment jista' jissospendi sommarjament lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

(4) Fil-każ li t-talba għas-sospensjoni sommarja ma tiġix awtorizzata, l-uffiċjal sospiż għandu minnufih jerġa' jissejjaħ lura għax-xogħol u għandu jingħata lura dak is-salarju li jkun inżamm

matul il-perjodu tas-sospensjoni sommarja.

(5) Kull deċiżjoni li tordna s-sospensjoni sommarja ta' uffiċjal għandha tintbagħat minnufih lill-uffiċjal li jkun, mill-Kap tad-Dipartiment u kull deċiżjoni li tkun tawtorizza s-sospensjoni sommarja ta' l-uffiċjal għandha tintbagħat minnufih lill-Kap tad-Dipartiment li għandu minnufih jgħarraf lill-uffiċjal sospiż.

(6) Uffiċjal pubbliku li jiġi sospiż sommarjament għandu jirċievi nofs is-salarju tiegħu kemm-il darba l-Prim Ministru, wara li jikkonsulta l-Kummissjoni, ma japprovax li huwa jirċievi proporzjon ogħla tas-salarju.

(7) Jekk il-proċedimenti dixxiplinarji ma jwasslux għat-tkeċċija jew xi kastig ieħor, l-uffiċjal jkollu l-jedd għall-ammont sħiħ ta' salarju li altrimenti kien jirċievi li kieku ma kienx ġie sospiż sommarjament. Jekk il-kastig ikun xort'oħra, u mhux tkeċċija, huwa jista' jingħata lura dak il-proporzjon mis-salarju li jkun inżamm bħala riżultat tas-sospensjoni sommarja tiegħu li l-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jista' jqis li jkun xieraq. Jekk il-kastig ikun tkeċċija, l-uffiċjal għandu jitlef is-salarju li jkun inżamm minħabba s-sospensjoni sommarja tiegħu.

(8) Jekk uffiċjal li kontra tiegħu tkun inbdiet u tkun pendenti azzjoni dixxiplinarja jew kriminali, jirtira jew jirriżenja mis-servizz qabel ma dik l-azzjoni tintemm, kull salarju li jkun ġie miżmum bħala riżultat tas-sospensjoni sommarja tiegħu m'għandux jingħatalu lura kemm-il darba ma jiġix liberat mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Jekk l-uffiċjal imut waqt li l-proċedimenti jkunu għadhom pendenti, kull salarju li jinżamm bħala riżultat tas-sospensjoni sommarja tiegħu għandu jingħata lura lill-eredi tiegħu.

(9) L-uffiċjal li jkun ġie sospiż sommarjament ma jkunx jista' jidħol f'xi fond uffiċjali u m'għandux ineħħi, jeqred jew iżid ma', jew jikkaġuna li jitneħħa, jinqered jew jinbidel, xi dokument uffiċjali jew ħaġ'oħra.

(10) Uffiċjal li jkun ġie sospiż temporanjament minħabba fi proċedimenti kriminali li jkunu saru kontrih għandu jitlob il-permess tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rilevanti jekk huwa jkun irid jivvjaġġa lejn pajjiż 'il barra miż-żona Schengen. Qabel ma jagħti dak il-permess is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rilevanti għandu jikkonsulta lill-Kummissarju tal-Pulizija. Kull uffiċjal sospiż temporanjament minħabba fi proċedimenti kriminali li jitlaq minn Malta mingħajr il-permess mitlub ikun suġġett għal azzjoni dixxiplinarja kontrih, u dik l-azzjoni tista' twassal għat-tkeċċija tiegħu.

(11) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolamenti (6) u (7) ta' dan ir-regolament, jekk uffiċjal ikun qiegħed fil-ħabs taħt kustodja preventiva jew ikun qiegħed jiskonta sentenza tal-Qorti, ebda salarju ma jkun dovut matul dak il-perijodu li jkun qiegħed fil-ħabs sew jekk dak l-uffiċjal wara jinstab ħati tar-reat li jkun ġie akkużat bih, sew jekk le.

## TAQSIMA II - REATI KRIMINALI

Kap ta' Dipartimenti għandu jikkonsulta ma' l-Avukat Ġenerali jekk għandhiex issir prosekuzzjoni jew tittieħed azzjoni dixxiplinarja.

**13.** Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li reat kriminali li aktarx jiġġustifika proċedimenti dixxiplinarji seta' twettaq minn xi uffiċjal pubbliku, dak il-Kap ta' Dipartiment għandu jikkonsulta lill-Avukat Ġenerali dwar jekk għandhiex tinbeda prosekuzzjoni jew, jekk dan ta' l-aħħar ma jagħtix parir dwar prosekuzzjoni, dwar jekk għandhiex tittieħed azzjoni dixxiplinarja skond dawn ir-Regolamenti. Fil-każ ta' l-aħħar, l-akkużi li jkunu se jinġiebu kontra l-uffiċjal għandhom jiġu approvati mill-Avukat Ġenerali qabel ma l-uffiċjal ikun meħtieġ iwieġeb għalihom jew qabel ma jinbdew il-proċedimenti dixxiplinarji.

Azzjoni fil-kors ta' proċedimenti kriminali. *Emendat: A.L. 247 tal-2012.*

**14.** (1) Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal pubbliku li jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu qed jiġi investigat jew ikun ġie arrestat mill-pulizija b'konnessjoni ma' investigazzjoni kriminali, il-Kap ta' Dipartiment jista' jordna lill-uffiċjal sabiex jagħmel użu mill-*vacation leave* għal perjodu wieħed ta' mhux iżjed minn ħamest ijiem tax-xogħol, u l-uffiċjal għandu jikkonforma ruħu.

(2) Uffiċjal pubbliku li jkun qed jagħmel użu minn *vacation leave* għal perjodu sa mhux iżjed minn ħamest ijiem tax-xogħol, skont is-subregolament (1), għandu d-dritt li jirraporta lura għax-xogħol minnufih wara t-tmiem tal-perjodu tal-*vacation leave*. Jekk l-investigazzjoni mwettqa mill-pulizija ma tirriżultax fit-tressiq tal-uffiċjal pubbliku, il-jedd ta' *vacation leave* tal-uffiċjal għal dik is-sena, għandu jiġi miżjud mill-ekwivalenti tal-*leave* meħud skont is-subregolament (1).

(3) F'każ li jinbdew proċedimenti kriminali kontra uffiċjal pubbliku f'xi qorti, l-uffiċjal għandu javża lill-Kap tad-Dipartiment tiegħu fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-data tal-bidu ta' dawk il-proċedimenti. Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu wkoll jirrapporta lill-Kap tad-Dipartiment li l-proċedimenti kriminali jkunu qegħdin jinbdew kontra l-imsemmi uffiċjal pubbliku:

Iżda la l-uffiċjal u lanqas il-Kummissarju tal-Pulizija m'għandu jkun obbligat li javża lil Kap ta' Dipartiment dwar proċedimenti kriminali mibdija biss f'konnessjoni ma' kontravvenzjoni, ħlief jekk dik il-kontravvenzjoni hija allegata li seħħet fuq il-post tax-xogħol tal-uffiċjal jew ikollha x'taqsam mar-responsabbiltajiet tiegħu.

(4) Jekk Kap ta' Dipartiment ikun iqis li xi proċedimenti kriminali li jkunu nbdew kontra uffiċjal pubbliku f'xi Qorti huma ta' xorta li x'aktarx jagħtu lok għal azzjoni dixxiplinarja, għandu minnufih jirrapporta l-fatti lill-Kummissjoni, flimkien ma' rakkomandazzjoni li fiha jagħti r-raġunijiet dwar jekk l-uffiċjal għandux jiġi temporanjament sospiż jew le mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu. M'għandhom jittieħdu ebda proċedimenti dixxiplinarji kontra dak l-uffiċjal fuq xi raġunijiet involuti fl-akkuża kriminali sakemm jintemmu l-proċedimenti kriminali u jiġi deċiż kull appell. Kopja tar-rapport mibgħut lill-Kummissjoni mill-Kap ta' Dipartiment għandha tintbagħat lill-uffiċjal li jkun għaddej minn proċedimenti kriminali.

(5) Meta l-Kap tad-Dipartiment ikun irrakkomanda lill-Kummissjoni li l-uffiċjal għandu jiġi temporanjament sospiż, huwa jista' jissospendi sommarjament lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tasal id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

(6) Id-disposizzjonijiet tar-regolament 12(4) u (5) għandhom japplikaw ukoll fil-każ ta' sospensjoni sommarja jew temporanja minħabba f'reat kriminali li dwaru jittratta dan ir-regolament.

Azzjoni dixxiplinarja wara l-ħelsien minn akkuża kriminali.

**15.** (1) M'għandha tittieħed l-ebda azzjoni kontra xi uffiċjal in konnessjoni ma' xi każ kriminali qabel ma jkun żgurat illi m'hemm l-ebda appell li għadu pendenti fil-Qorti.

(2) L-uffiċjal pubbliku li jiġi meħlus minn akkuża kriminali f'xi Qorti m'għandux jitkeċċa jew xort'oħra jiġi kastigat fuq xi akkuża li jkun liberat minnha, iżda ebda ħaġa f'dan ir-regolament m'għandha żżomm milli jiġi mkeċċi jew li xort'oħra kastigat fuq xi akkuża oħra li tinħoloq mill-imġiba tiegħu fil-kwistjoni, kemm-il darba l-akkużi ma jqajmux sostanzjalment l-istess kwistjonijiet bħal dawk li minnhom ikun ġie liberat. Jekk il-Kap tad-Dipartiment jissuġġerixxi li jieħu azzjoni dixxiplinarja kontra dak l-uffiċjal, qabel ma l-uffiċjal ikun meħtieġ iwieġeb għal xi akkużi jew qabel ma jinbdew xi proċedimenti dixxiplinarji kontra tiegħu, l-akkużi li jkunu se jinġiebu kontra dak l-uffiċjal għandhom jiġu approvati mill-Avukat Ġenerali.

(3) Meta uffiċjal pubbliku jkun ġie liberat minn akkuża kriminali, il-Kap tad-Dipartiment għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-proċedimenti kriminali u jekk ikunx qed jissuġġerixxi li tittieħed azzjoni dixxiplinarja jew le kontra l-uffiċjal skond ma hemm fis-subregolament ta' qabel dan.

Azzjoni dixxiplinarja wara sejbien ta' ħtija ta' akkuża kriminali. *Emendat: A.L. 247 tal-2012.*

**16.** (1) Jekk uffiċjal pubbliku jinstab ħati ta' akkuża kriminali, il-konklużjonijiet tal-Qorti dwar dik l-akkuża għandhom jiġu riferiti mill-Kap tad-Dipartiment lill-Kummissjoni.

(2) Wara li l-Kummissjoni tqis il-konklużjonijiet tal-Qorti, u jekk ikun il-każ, tal-Qorti tal-Appell, ix-xorta ta' l-imġiba ħażina u jekk dik l-imġiba ħażina jkollhiex relazzjoni diretta jew indiretta mad-dmirijiet tal-uffiċjal involut, hija għandha tagħmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru dwar il-piena, jekk ikun il-każ, li għandha tingħata:

Iżda jekk il-Kummissjoni tqis li l-piena xierqa wara l-kundanna ta' ħtija ta' akkuża kriminali tkun waħda ta' tkeċċija jew twissija ta' tkeċċija jew it-telf ta' xi salarju kollu kemm hu jew ta' parti minnu li ma jkunx tħallas matul xi perjodu ta' sospensjoni sommarja jew temporanja, hija għandha tgħarraf lill-uffiċjal bid-dritt tiegħu li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem minn meta jiġi mgħarraf u l-Kummissjoni għandha tikkonsidra dawn is-sottomissjonijiet u tista' wkoll tagħti lill-uffiċjal l-opportunità ta' smigħ f'seduta qabel ma tgħaddi biex tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru.

## TAQSIMA III - PROĊEDIMENTI DIXXIPLINARJI TAĦT DELEGA TA' AWTORITÀ

Kif tapplika din it-Taqsima meta s-setgħat dixxiplinarji jkunu ġew delegati.

17. Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima tar-regolamenti għandhom japplikaw biss meta l-eżerċizzju tas-setgħat dixxiplinarji u l-kontroll ikunu ġew delegati lill-Kap ta' Dipartiment jew lil xi uffiċjal ieħor jew awtorità oħra mill-Prim Ministru skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, u għandhom japplikaw biss sal-limitu speċifikat.

Ċanfira.

18. (1) Uffiċjal għandu jkollu s-setgħa li jċanfar uffiċjal ieħor li huwa jkun responsabbli għalih għal kull imġiba ħażina minuri jew ksur ta' dixxiplina jew xogħol mhux sodisfaċenti, wara li jagħti lill-uffiċjal l-opportunità li jiskolpa ruħu. Għandu jinżamm *record* ta' kull ċanfira mill-uffiċjal li jkun qiegħed jagħtiha, iżda dan għandu jitħassar wara sitt xhur mid-data minn meta tingħata.

(2) L-uffiċjal għandu jagħmel rapport lill-Kap tad-Dipartiment kull meta uffiċjal ieħor li huwa jkun responsabbli għalih ikun ġie mċanfar għal imġiba ħażina minuri jew ksur ta' dixxiplina jew xogħol mhux sodisfaċenti fi tliet okkażjonijiet f'perjodu ta' sitt xhur.

Dixxiplina sommarja. *Emendat: A.L. 67 ta' l-2006.*

19. (1) Meta fil-fehma ta' Kap ta' Dipartiment il-piena xierqa għal mġiba ħażina minuri jew ksur ta' dixxiplina jew għal xogħol mhux sodisfaċenti minn uffiċjal fid-dipartiment tiegħu ma tkunx aktar minn twiddiba, huwa jista' javża lill-uffiċjal bil-miktub l-intenzjoni tiegħu li jagħti twiddiba, filwaqt li jiddikjara xi jkunu r-raġunijiet għaliex qed jagħmel dan u jagħti lil uffiċjal opportunità biex iwieġeb. Jekk l-uffiċjal jonqos milli jwieġeb fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-Kap ta' Dipartiment javżah jew jekk fit-tweġiba tiegħu l-uffiċjal jammetti l-fatti, jew jekk l-uffiċjal ma jammettix l-akkuża u l-Kap tad-Dipartiment ma jqisx li l-uffiċjal ikun skolpa ruħu, il-Kap tad-Dipartiment għandu jagħti t-twiddiba.

(2) Kull twiddiba mogħtija skond dan ir-regolament għandha tiġi reġistrata fir-*record* tas-servizz ta' l-uffiċjal u l-uffiċjal għandu jiġi mgħarraf b'dan; iżda din it-twiddiba għandha titħassar wara tnax-il xahar mid-data li fiha tkun ingħatat.

(3) Kull meta uffiċjal pubbliku jwettaq it-tieni każ ta' mġiba ħażina minuri jew ksur ta' dixxiplina jew xogħol mhux sodisfaċenti f'perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar minn meta jkun wettaq ir-reat minuri ta' ksur ta' dixxiplina ta' qabel li jkun ġie trattat taħt ir-regolament 20, dak it-tieni każ m'għandux ikun ittrattat sommarjament taħt dan ir-regolament, iżda għandu jkun ittrattat taħt ir-regolament 20.

Bidu ta' proċedimenti dixxiplinarji. *Emendat: A.L. 67 tal-2006; A.L. 247 tal-2012.*

20. (1) Meta Kap ta' Dipartiment jidhirlu li seta' twettaq xi reat kriminali minn uffiċjal li jkun taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu, għandha tiġi addottata l-proċedura skond ir-regolamenti 13 sa 16.

(2) Kull meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal fid-dipartiment tiegħu jista' jkun ħati ta' mġiba ħażina jew ksur ta' dixxiplina, għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) Il-Kap tad-Dipartiment għandu, malajr kemm jista' jkun u f'ebda każ aktar tard minn tletin jum tax-xogħol mid-data meta jsir jaf bir-reat allegat, jew mhux aktar tard minn disgħin ġurnata tax-xogħol mid-data meta jkun ġie iffirmat rapport magħmul skond l-Att dwar l-Inkjesti, jipprepara dikjarazzjoni bil-miktub bl-akkuża jew l-akkużi kontra dak l-uffiċjal. li fiha jkun hemm il-partikolaritajiet tal-evidenza li ssostni l-akkuża jew l-akkużi. Il-Kap tad-Dipartiment għandu wkoll jgħarraf lill-uffiċjal jekk fil-fehma tiegħu l-akkuża jew l-akkużi jkunux jikkostitwixxu reat minuri jew reat gravi u jekk ir-reat jistax iwassal għal tkeċċija. Kap. 273.

(*b*) Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mogħtija skont ir-regolament 6(4). L-uffiċjal għandu jagħmel risposta bil-miktub dwar l-akkuża jew l-akkużi magħmulin kontra tiegħu, fejn jiddikjara kull raġuni li huwa jkun qed jibbaża ruħu fuqha sabiex jiskolpa ruħu, qabel ma jgħaddu għaxart ijiem tax-xogħol mid-data minn meta tkun ingħatatlu d-dikjarazzjoni.

(*ċ*) Jekk wara li jqis it-tweġiba ta' l-uffiċjal, il-Kap tad-Dipartiment ikun sodisfatt li l-uffiċjal ikun skolpa ruħu, huwa għandu jinforma lill-uffiċjal. Kull dokument li jkollu x'jaqsam mal-każ għandu jinqered wara xahrejn.

(*d*) Jekk l-uffiċjal jammetti l-akkuża jew l-akkużi, il-Kap tad-Dipartiment għandu javża lil dak l-uffiċjal akkużat bid-deċiżjoni tiegħu dwar l-akkuża jew l-akkużi u l-piena, jekk ikun il-każ.

(*e*) Jekk l-uffiċjal ma jagħtix tweġiba fiż-żmien speċifikat, jew inkella fil-fehma ta' Kap ta' Dipartiment ma jiskolpax lilu nnifsu, il-Kap ta' Dipartiment għandu jgħarraf lill-uffiċjal b'dan. Fi żmien għoxrin jum tax-xogħol minn meta jirċievi tweġiba jew minn meta kellu jirċievi tweġiba bħal dik, il-Kap ta' Dipartiment għandu jibgħat il-każ quddiem Bord ta' Dixxiplina maħtur taħt ir-regolament 21.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) -

(*a*) l-ebda azzjoni m'għandha tittieħed dwar reat minuri li jkun twettaq aktar minn tnax-il xahar qabel ma dak ir-reat minuri allegat jsir jaf bih il-Kap tad-Dipartiment;

(*b*) irrispettivament minn jekk il-każ kienx diġà ġie investigat mill-Bord tad-Dixxiplina jew le, il-Kap tad-Dipartiment jista', għal raġunijiet suffiċjentament ġustifikabbli, jibdel id-deċiżjoni oriġinali tiegħu u joħroġ twissija bil-miktub skond ir-regolament 19 minflok ma jipproċedi skond dan ir-regolament:

Iżda, meta l-Kap tad-Dipartiment ikun ta avviż lill-uffiċjal akkużat li l-akkużi miġjuba kontrih, kieku dawn kellhom ikunu ippruvati, setgħu jwasslu għat-tkeċċija, l-implimentazzjoni ta' bdil fid-deċiżjoni bħal dik għandha jkollu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

*Panels* Dixxiplinarji Permanenti u Bordijiet Dixxiplinarji. *Sostitwit: A.L. 247 tal-2012.*

**21.** (1) Is-Segretarju Permanenti f'kull Ministeru għandu, bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, jistabbilixxi *Panel* Dixxiplinarju Permanenti li jkun magħmul minn uffiċjali pubbliċi rtirati li jkunu idoneji u kompetenti.

(2) Il-membri tal-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti ta' ministeru għandhom joqogħdu fuq dak il-*panel* għal żmien erbgħa u għoxrin xahar hekk li żmienhom jista' jiġġedded, bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, għal iżjed perjodi ta' tnax-il xahar:

Iżda kull servizz mogħti qabel jew konkorrenti mal-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti ta' ministeru partikolari m'għandux jingħata konsiderazzjoni għall-fini ta' dan is-subregolament f'każ li l-persuna tkun nominata għall-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti ta' ministeru ieħor:

Iżda wkoll membru tal-*Panel* ta' kull ministeru jista' jitneħħa mill-Kummissjoni, fid-diskrezzjoni tagħha, f'kull waqt.

(3) Bord Dixxiplinarji għall-fini tar-regolament 20(2)(*e*) jinħatar minn Kap ta' Dipartiment minn fost uffiċjali pubbliċi li jkunu idoneji u kompetenti, u, jew persuni elenkati fil-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti tal-ministeru rilevanti:

Iżda jekk uffiċjal pubbliku jiġi maħtur f'Bord Dixxiplinarju, hu għandu jkun uffiċjal tad-dipartiment u mhux fl-istess grad bħal l-uffiċjal akkużat, u iżjed minn hekk:

(*a*) jekk maħtur biex jippresiedi l-Bord, l-uffiċjal għandu jkun mhux inqas minn żewġ skali tas-salarji 'l fuq mill-uffiċjal akkużat u mhux taħt l-iskala tas-salarji 10: jew

(*b*) jekk maħtur bħala membru tal-Bord. l-uffiċjal għandu jkun mill-inqas skala waħda tas-salarji 'l fuq mill-uffiċjal akkużat:

Iżda wkoll meta Kap ta' Dipartiment ikun avża lil uffiċjal li r-reat allegat jista' jwassal għal tkeċċija, iċ-*chairperson* tal-Bord tad-Dixxiplina għandu, jekk uffiċjal pubbliku, jkun mill-inqas fil-livell ta' Assistent Direttur jew grad analogu.

(4) Iċ-*Chairperson* u l-Membri li joqogħdu fuq il-Bord m'għandhomx ikollhom x'jaqsmu mal-każ ta' dixxiplina u m'għandhomx ikunu jiġu sat-tielet grad mill-uffiċjal akkużat. Meta xi Membru tal-Bord ikollu x'jaqsam mal-każ ta' dixxiplina, huwa għandu għaldaqstant jgħarraf lill-Kap ta' Dipartiment, li mbagħad jaħtar persuna sostitut skont kif previst fis-subregolament (3).

(5) Meta jitressqu lmenti serji mill-uffiċjal akkużat jew mir-rappreżentant tiegħu liċ-*Chairperson* u, jew xi Membru ieħor tal-Bord ikunu b'xi mod preġudikati kontrih, l-uffiċjal akkużat jista' għaldaqstant jagħmel petizzjoni quddiem is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rilevanti. Sakemm tingħata d-deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rilevanti, il-proċeduri dixxiplinarji għandhom jiġu sospiżi.

(6) Jekk is-Segretarju Permanenti jilqa' petizzjoni taħt is-subregolament (5), huwa għandu jordna lill-Kap ta' Dipartiment jaħtar Bord ġdid jew jagħmel kull tibdil adatt f'dak il-Bord skont

kif previst fis-subregolament (3). L-uffiċjal li jagħmel il-petizzjoni għandu jiġi mgħarraf b'dan.

Funzjonijiet u setgħat ta' Bordijiet ta' Dixxiplina.

22. (1) Kull Bord ta' Dixxiplina maħtur skond ir-regolament 21 biex jisttharreġ il-każ, għandu jistabbilixxi l-fatti u jibgħat il-konklużjonijiet tiegħu lill-Kap tad-Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat kemm jista' jkun malajr u f'ebda każ aktar tard minn tletin jum tax-xogħol mid-data li fiha l-każ ikun intbagħat lilu.

(2) Il-Bord ikollu s-setgħa li jieħu l-parir ta' esperti meta jkun tal-fehma li dak il-parir ikun meħtieġ jew espedjenti u li jħarrek lil kull persuna biex tidher quddiemu u biex tixhed u biex tipproduċi kull dokument.

(3) Il-Bord jista' jordna li x-xiehda mogħtija quddiemu għandha tiġi konfermata permezz ta' affidavit.

(4) Il-perjodu ta' tletin jum tax-xogħol speċifikat fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jista' għal raġuni valida jiġi mtawwal mill-Kap tad-Dipartiment sa massimu ta' tletin jum tax-xogħol oħra.

(5) Meta jkun hemm raġunijiet serji u ġustifikati li, fil-fehma tal-Kap tad-Dipartiment, ikunu jipprekludu l-Bord milli jagħmel rapport dwar il-konklużjonijiet tiegħu iktar kmieni mill-perjodu preskritt ta' tletin jum u kull estensjoni tagħhom, il-Kap tad-Dipartiment għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni għal kull direzzjoni li tista' tagħti.

Proċedura matul is-seduti ta' dixxiplina.
*Emendat: A.L. 247 tal-2012.*

23. (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skond dawn ir-regolamenti, il-Bord ta' Dixxiplina għandu jagħti opportunità xierqa liż-żewġ naħat li jippreżentaw il-każ tagħhom, iżda għandu jelimina kull formalità żejda u jiżgura li l-ġustizzja ssir bil-ħeffa u skond il-merti sostanzjali tal-każ.

(2) Il-Kap tad-Dipartiment u l-uffiċjal akkużat għandhom jiġu avżati bil-ħin u l-post tas-smigħ mhux inqas minn għaxart ijiem tax-xogħol qabel is-smigħ. Kull avviż għandu jkun iffirmat miċ-*Chairperson* u mogħti skont ir-regolament 6(4).

(3) Jekk il-Bord ikun sodisfatt li n-notifika tas-smigħ tkun saret, dan jista' jipproċedi bil-każ minkejja li l-uffiċjal akkużat ma jkunx preżenti, jekk meta jkun qies iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż ir-regolament 22, il-Bord ikun tal-fehma li għandu jipproċedi bil-każ.

(4) Għandha tapplika din il-proċedura li ġejja għal seduta tal-Bord:

(*a*) is-seduta għandha ssir bil-magħluq;

(*b*) l-uffiċjal imsejjaħ biex jidher fis-seduta għandu jingħata kull opportunità li jiddefendi ruħu u li jġib kull xhud li jrid;

(*ċ*) l-uffiċjal jew ir-rappreżentant tiegħu jista' jagħmel kontro-eżami tax-xhieda li jinġiebu biex isostnu l-każ kontra tiegħu.

(5) Barra minn dan ir-regolament, il-Bord jista' jirregola l-proċedura matul is-seduta.

(6) Il-Bord jista' jitlob l-opinjoni tal-Kummissjoni, jew id-direttiva tagħha, dwar kwistjonijiet ta' proċedura.

Żvelar ta' raġunijiet *prima facie* li jwasslu għal aktar akkużi.

**24.** (1) Meta Bord ta' Dixxiplina li jkun qed jiġbor il-provi kontra uffiċjal ikun tal-fehma li dawk il-passi jiżvelaw *prima facie* xi mġieba ħażina jew xi nuqqas ta' dixxiplina oħra, għandha tapplika din il-proċedura li ġejja:

(*a*) il-Bord ta' Dixxiplina għandu jirrapporta l-każ lill-Kap tad-Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat, u għandu malli jagħmel dan jissospendi l-proċedimenti tiegħu;

(*b*) jekk il-Kap tad-Dipartiment ikun tal-fehma li jkun sew li jipproċedi kontra l-uffiċjal akkużat minħabba fir-raġunijiet addizzjonali żvelati, il-Kap tad-Dipartiment għandu jagħti lill-uffiċjal akkużi ġodda u għandha tapplika l-proċedura deskritta fir-regolament 20(2)(*a*), (*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*).

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament ta' qabel dan ma għandhomx jiġu applikati meta r-raġunijiet addizzjonali jkunu ta' reat minuri li kien jiskadi wara tnax-il xahar.

Komunikazzjoni tal-konklużjonijiet.

**25.** (1) Meta jagħlaq l-istħarriġ tiegħu, il-Bord għandu jwassal il-konklużjonijiet lill-Kap tad-Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat.

(2) Rapport dwar il-konklużjonijiet għandu jiġbor fih -

(*a*) sommarju ta' dawk il-partijiet tax-xiehda li l-Bord iqis rilevanti;

(*b*) il-konklużjonijiet dwar kwistjonijiet materjali ta' fatt;

(*ċ*) dikjarazzjoni jekk fil-fehma tal-Bord l-uffiċjal akkużat ikunx għamel jew le r-reat jew ir-reati li tagħhom kien ġie akkużat u dikjarazzjoni fil-qosor tar-raġunijiet għal dik il-konklużjoni;

(*d*) dettalji dwar kull ħaġa li fil-fehma tal-Bord taggrava jew tnaqqas l-gravità tal-każ.

(3) Ir-rapport tal-Bord m'għandux jinkludi fih rakkomandazzjoni dwar il-piena li tista' tiġi imposta.

Deċiżjonijiet u sottomissjonijiet wara l-konklużjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina.
*Emendat:*
*A.L. 67 ta' l-2006.*

**26.** (1) Wara li l-konklużjonijiet tal-Bord jitwasslu lill-Kap tad-Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat, għandha tkun tapplika din il-proċedura li ġejja f'kull każ, ħlief meta l-Kap tad-Dipartiment ikun avża lill-uffiċjal akkużat li l-akkużi miġjuba, li kieku dawn kellhom jiġu ippruvati, jistgħu jwasslu għal tkeċċija:

(*a*) l-uffiċjal akkużat jista' jagħmel kummenti bil-miktub jew inkella jitlob appuntament biex jagħmel kummenti bil-fomm lill-Kap tad-Dipartiment, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-konklużjonijiet tal-Bord ikunu ġew lilu komunikati, u dawk il-kummenti għandhom jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet li fuqhom ikunu ibbażati;

(*b*) il-Kap tad-Dipartiment għandu jikkonsidra kull kumment li jsirlu mill-uffiċjal akkużat u għandu, kemm jista' jkun malajr, jikkomunika lill-uffiċjal id-

deċiżjoni tiegħu dwar l-akkuża jew l-akkużi, inkluż f'każijiet minuri, jekk huwa jaċċettax il-konklużjoni ta' ħtija tal-Bord, u dwar il-piena, jekk ikun il-każ, li huwa jkun tah:

Iżda, jekk l-uffiċjal akkużat b'reat minuri jinsab li ma jkunx ħati mill-Bord u l-Kap tad-Dipartiment sussegwentament ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Bord, il-Kap tad-Dipartiment għandu immedjatament jinforma lill-uffiċjal bl-intenzjoni tiegħu li jbiddel il-konklużjonijiet tal-Bord, u jagħti raġunijiet speċifiċi għaliex huwa ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Bord. L-uffiċjal għandu jigi wkoll infurmat bil-jedd li għandu li jagħmel kummenti bil-miktub jew bil-fomm lill-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data meta jkun irċieva l-ittra mill-Kap tad-Dipartiment tiegħu li biha jkun informa lill-uffiċjal bl-intenzjoni li jkollu li jbiddel il-konklużjonijiet tal-Bord;

(*ċ*) meta jirriżulta mill-konklużjonijiet tal-Bord li r-reat, kuntrarjament għal dak li oriġinarjament kien imsemmi mill-Kap tad-Dipartiment, ma kienetx ta' natura gravi, il-Kap tad-Dipartiment jista' jagħti piena anqas minn dik li tapplika għal reati gravi, iżda f'dawk il-każijiet il-Kap tad-Dipartiment għandu jagħmel nota fir-*records* tal-każ li tkun tispeċifika r-raġunijiet għaliex huwa jkun aċċetta l-konklużjonijiet tal-Bord u konsegwentement ta piena li hi applikabbli għal reat minuri;

(*d*) meta uffiċjal jammetti akkuża jew jonqos milli jagħmel xi kummenti lill-Kap tad-Dipartment fiż-żmien speċifikat fil-paragrafu (*a*), il-Kap tad-Dipartiment għandu jikkomunika, kemm jista' jkun malajr, lill-uffiċjal akkużat id-deċiżjoni tiegħu dwar l-akkuża jew l-akkużi u l-piena, mogħtija mill-Kap tad-Dipartiment.

(2) Fil-każ ta' reat meta l-Kap tad-Dipartiment ikun avża lill-uffiċjal akkużat li l-akkużi miġjuba, li kieku dawn kellhom jiġu ppruvati, setgħu jwasslu għat-tkeċċija, għandha tapplika din il-proċedura li ġejja:

(*a*) meta l-Kap tad-Dipartiment jirċievi r-rapport tal-Bord, huwa għandu, kemm jista' jkun malajr, jibgħat kopja tar-rapport lill-Kummissjoni;

(*b*) filwaqt li tkun qed tqis il-konklużjonijiet tal-Bord, il-Kummissjoni għandha tagħti opportunità lill-uffiċjal akkużat u lill-Kap tad-Dipartiment li jagħmlu l-kummenti tagħhom bil-fomm;

(*ċ*) wara li tqis il-konklużjonijiet tal-Bord u l-kummenti lilha magħmula, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru kemm għar-rigward tal-ħtija jew xort'oħra ta' l-uffiċjal akkużat kif ukoll dwar il-piena, jekk ikun il-każ.

Inkartament ta' proċedimenti.

**27.** (1) L-inkartament ta' proċedimenti dixxiplinarji għandu jiġbor fih dan li ġej:

(*a*) kull rapport bil-miktub li jsir kontra uffiċjal, jew *record* bil-miktub ta' kull rapport verbali;

(*b*) kull att ta' akkuża;

(*ċ*) kull sottomissjoni bil-miktub magħmula mill-uffiċjal akkużat bħala tweġiba għall-akkuża jew akkużi jew xort'oħra matul il-proċedimenti;

(*d*) kopji ta' kull dokument, karta u *file* li l-Bord ta' Dixxiplina jirċievi minn xi parti li tkun u li jkollhom x'jaqsmu mal-proċedimenti;

(*e*) noti fuq il-provi miġbura mill-Bord ta' Dixxiplina;

(*f*) kull deċiżjoni meħuda jew rakkomandazzjoni magħmula minn Kap ta' Dipartiment dwar il-ħtija jew xort'oħra ta' l-uffiċjal, u l-piena jew pieni mogħtija, jekk ikun il-każ;

(*g*) kull sottomissjoni bil-miktub magħmula mill-uffiċjal akkużat dwar il-konklużjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina, jew dwar xi piena mogħtija.

(2) Kull tentattiv ta' tbagħbis jew distruzzjoni ta' l-inkartament tal-proċedimenti għandu jitqies bħala reat gravi.

(3) Kap ta' Dipartiment għandu josserva kull istruzzjoni li tista' tingħata mill-Kap tas-Servizz Pubbliku, bi ftehim mal-Kummissjoni, dwar il-kustodja ta' l-inkartamenti relattivi għall-proċedimenti dixxiplinarji.

## TAQSIMA IV - PROĊEDIMENTI DIXXIPLINARJI META MA JKUNUX ĠEW DELEGATI S-SETGĦAT TA' DIXXIPLINA

Proċedimenti dixxiplinarji meta ma jkunux ġew delegati s-setgħat ta' dixxiplina.

**28.** Meta l-kontroll dixxiplinarju ma jkunx ġie delegat lill-Kap ta' Dipartiment jew lil xi uffiċjal ieħor jew awtorità skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet u proċeduri li ġejjin:

(*a*) Kull meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li xi uffiċjal fid-dipartiment tiegħu jista' jkun ħati ta' mġiba ħażina jew ta' ksur ta' dixxiplina, id-disposizzjonijiet tar-regolament 20(2)(*a*) u (*b*) għandhom japplikaw.

(*b*) Jekk l-uffiċjal jammetti l-akkuża jew l-akkużi, il-Kap tad-Dipartiment għandu jibgħat kopja ta' l-akkuża jew l-akkużi u tar-risposta ta' l-uffiċjal lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru dwar il-piena, jekk ikun il-każ, li għandha tiġi mogħtija lill-uffiċjal.

(*ċ*) Jekk l-uffiċjal akkużat ma jammettix l-akkuża jew l-akkużi jew ma jagħtix risposta fiż-żmien speċifikat, il-Kap tad-Dipartiment għandu, fi żmien għoxrin ġurnata tax-xogħol minn meta jirċievi r-risposta jew mid-data meta kellu jirċievi dik ir-risposta, jirreferi l-każ lil Bord ta' Dixxiplina maħtur skond ir-regolament 21.

(*d*) Il-Bord maħtur skond il-paragrafu ta' qabel dan għandu jwassal il-konklużjonijiet tiegħu lill-Kap tad-Dipartiment, lill-uffiċjal akkużat u lill-Kummissjoni, u l-Kap tad-Dipartiment u l-uffiċjal akkużat jistgħu, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol min-notifika tal-konklużjonijiet tal-Bord, jagħmlu l-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni dwar dawk il-konklużjonijiet jew jitolbu appuntament biex ikunu jistgħu jagħmlu l-kummenti tagħhom bil-fomm. Kopja ta' dawn il-kummenti għandha tiġi notifikata mill-Kummissjoni lill-parti l-oħra.

(*e*) Wara li tqis il-konklużjonijiet tal-Bord u ta' kull kumment li jkun sarilha, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru kemm dwar il-ħtija jew xort'oħra ta' l-uffiċjal akkużat, kif ukoll dwar il-piena, jekk ikun il-każ.

## TAQSIMA V - REATI U PIENI

**29.** Il-kategoriji ta' reati u tal-pieni korrispondenti f'sens wiesgħa li jistgħu jiġu imposti mill-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jew minn Kap ta' Dipartiment li jkun lilu ġie delegat kontroll dixxiplinarju skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, jinsabu elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti: Tqegħid f'kategoriji ta' reati u pieni.

Iżda għar-rigward ta' uffiċjali tal-Pulizija, il-pieni applikabbli jkunu dawk stabbiliti fl-artikolu 20 ta' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta. Kap. 164.

## TAQSIMA VI - APPELLI MINN DEĊIŻJONIJIET DIXXIPLINARJI U REVIŻJONI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET LI JKUNU SARU MILL-KUMMISSJONI

**30.** (1) Uffiċjal pubbliku jkollu l-jedd għal appell lill-Kummissjoni skond dan ir-regolament kontra konklużjoni ta' ħtija u ta' kull piena korrispondenti jiddeċiedi l-Kap tad-Dipartiment f'xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin: Appelli minn deċiżjonijiet dixxiplinarji. *Emendat: A.L. 345 tal-2009.*

(*a*) meta l-akkuża jew l-akkużi li tagħhom l-uffiċjal ikun instab ħati kienu kkunsidrati bħala reat gravi skond ir-regolament 20(2)(*a*);

(*b*) meta l-piena imposta mill-Kap tad-Dipartiment tkun jew tkun tinkludi "Twissija ta' Tkeċċija";

(*c*) meta l-uffiċjal ikun jista' jġib prova li kien hemm nuqqas ta' osservanza serja tal-proċeduri stabbiliti b'dawn ir-Regolamenti u li dak in-nuqqas ta' osservanza ippreġudika l-interessi tiegħu.

(2) L-avviż ta' l-appell skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, li fih ikun hemm ir-raġunijiet ta' l-appell, għandu jingħata lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni bil-miktub permezz tal-posta reġistrata jew jiġi lilu mogħti bl-idejn mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol mid-data meta d-deċiżjoni

tkun ġiet notifikata lil dak l-uffiċjal. Kopja ta' l-avviż ta' l-appell għandha fl-istess hin tintbagħat mill-uffiċjal lill-Kap tad-Dipartiment.

(3) Malli l-Kap tad-Dipartiment jirċievi kopja ta' l-avviż ta' l-appell, huwa għandu minnufih jibgħat lill-Kummissjoni d-dokumentazzjoni sħiħa li jkollha x'taqsam mal-każ, inklużi l-konklużjonijiet u r-rapport tal-Bord.

(4) Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni għandu jgħarraf lil kull min hu nteressat li jkun irċieva l-avviż ta' l-appell magħmul skond dan ir-regolament u meta appell jiġi riċevut wara għaxart ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kap tad-Dipartiment tkun ġiet notifikata lill-uffiċjal involut, dan m'għandux jiġi kkunsidrat mill-Kummissjoni.

(5) Meta jsir appell, il-Kummissjoni għandha tittratta l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tagħha bħallikieku ma kien hemm ebda delega ta' awtorità għar-rigward ta' dik il-kwistjoni.

(6) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull setgħa oħra li jista' jkollha skond il-Kostituzzjoni u skond dawn ir-Regolamenti, il-Kummissjoni, meta tkun qegħda tikkunsidra xi appell, għandha tagħti opportunità lill-Kap tad-Dipartiment u lill-appellant biex jagħmlu kummenti oralment.

(7) Il-Kummissjoni, wara li tikkunsidra r-raġunijiet għall-appell, l-inkartament tal-proċedimenti, u kull kumment orali, għandha tgħaddi biex tirrakkomanda lill-Prim Ministru jew li huwa għandu jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kap tad-Dipartiment dwar il-ħtija ta' l-appellant u/jew il-piena mogħtija, jew li huwa għandu jemendaha jew jirrevokaha.

(8) Jekk il-kwistjoni ma tintbagħatx lura lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn jew inkella ma tittieħidx azzjoni fuq ir-rakkomandazzjoni fl-istess żmien, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-appellant bir-rakkomandazzjoni li tkun għamlet lill-Prim Ministru.

(9) Ebda ħaġa f'dan ir-regolament m'għandha żżomm lill-Kummissjoni, sew qabel is-smigħ jew f'kull waqt matul is-smigħ ta' l-appell, milli sommarjament tiċħad jew ma tħallix ikompli xi appell mingħajr ma tisimgħu jew mingħajr ma tkompli aktar tisimgħu skond il-każ, minħabba li l-appell ikun frivolu jew vessatorju jew wieħed li ma kellux xort'oħra jsir.

Sospensjoni tal-piena sakemm isir l-appell.

31. Piena mogħtija minn Kap ta' Dipartiment li jkun qed jaġixxi b'delega ta' awtorità m'għandhiex tibda sseħħ qabel ma jgħaddu mill-anqas għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-uffiċjal ikun ġie avżat bil-piena mill-Kap tad-Dipartiment u, jekk ikun sar appell, dik il-piena m'għandhiex tibda sseħħ qabel ma jkun hemm deċiżjoni mill-Prim Ministru li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

32. (1) Kap ta' Dipartiment li ma jkunx sodisfatt bil-proċedimenti jew bil-konklużjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina jista' jagħmel sottomissjonijiet lill-Kummissjoni, sakemm il-proċedimenti jew il-konklużjonijiet tal-Bord ikunu jirrigwardjaw - Kummenti ta' Kap ta' Dipartiment li ma jkunx sodisfatt bil-konklużjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina. *Emendat: A.L. 345 tal-2009; A.L. 247 tal-2012.*

(*a*) akkuża dixxiplinarja li l-Kap ta' Dipartiment ikun ikkunsidra bħala reat gravi skond ir-regolament 20(2)(*a*);

(*b*) każ li l-Kap ta' Dipartiment ikun ikkonsidra bħala li jimmerita twissija ta' tkeċċija;

(*ċ*) każ fejn il-Kap ta' Dipartiment jista' jġib prova li kien hemm nuqqas ta' ossservanza serja tal-proċeduri stabbiliti b'dawn ir-Regolamenti u li dak in-nuqqas ta' osservanza kien ippreġudika l-każ.

(2) Kull kumment skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu jsir bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-konklużjonijiet tal-Bord ikunu ġew notifikati lill-uffiċjal involut. Kopja ta' dawn il-kummenti għandha fl-istess ħin tintbagħat lill-uffiċjal mill-Kap tad-Dipartiment.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa oħra li jista' jkollha skond il-Kostituzzjoni u skond dawn ir-Regolamenti, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tkun qegħda tikkunsidra l-kummenti magħmula minn Kap ta' Dipartiment skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, tagħti opportunità lill-Kap ta' Dipartiment u lill-uffiċjal involut biex jagħmlu l-kummenti tagħhom oralment.

(4) Il-Kummissjoni tista', wara li tikkunsidra l-kummenti li jsirulha, fid-diskrezzjoni tagħha -

(*a*) tirreferi l-konklużjonijiet tal-Bord lill-Kap tad-Dipartiment għal dik l-azzjoni li tkun meħieġa skond dawn ir-Regolamenti;

(*b*) tirreferi l-konklużjonijiet lill-Bord għal iktar investig-azzjoni u biex jirraporta lill-Kummissjoni;

(*ċ*) tħassar il-konkluzjonijiet tal-Bord u tordna lis-Segretarju Permanenti li jkun qed jissorvelja lid-dipartiment biex jaħtar Bord ġdid skont kif jipprovdi r-regolament 21(3) sabiex jerġa' jisma' l-kaz u jagħmel rapport dwar il-konklużjonijiet li jasal għalihom lill-Kap ta' Dipartiment;

(*d*) tneħħi lil kull membru tal-Bord oriġinali, li jagħmel xi nuqqas, mill-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti skont kif previst fir-regolament 21(2), u fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi tirrakkomanda li tittieħed azzjoni dixxiplinarja kontrihom kif hemm fir-regolament 3(4).

(5) Meta jinħatar Bord ta' Dixxiplina mill-Kummissjoni skond is-subregolament (4)(*ċ*) ta' dan ir-regolament, għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) il-Bord għandu jkollu l-istess setgħat u għandu jsegwi l-istess proċeduri bħal Bord ta' Dixxiplina maħtur

minn Kap ta' Dipartiment skond ir-regolament 21, *mutatis mutandis*;

(*b*) il-Bord għandu jwassal il-konklużjonijiet tiegħu lill-Kap ta' Dipartiment, lill-uffiċjal akkużat u lill-Kummissjoni;

(*ċ*) l-uffiċjal akkużat jista', fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jitwasslulu l-konklużjonijiet tal-Bord, jagħmel il-kummenti tiegħu bil-miktub lill-Kummissjoni dwar dawk il-konklużjonijiet jew inkella jitlob għal appuntament biex jagħmel il-kummenti tiegħu oralment;

(*d*) wara li jikkunsidra l-konklużjonijiet tal-Bord u kull kumment lilha magħmula, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru kemm dwar il-ħtija jew xort'oħra ta' l-uffiċjal akkużat kif ukoll dwar il-piena, jekk ikun il-każ.

Reviżjoni ta' rakkomandazzjonijiet li jkunu saru mill-Kummissjoni. *Emendat: A.L. 345 tal-2009.*

33. (1) Kull min hu jew kien uffiċjal pubbliku u ġie kkundannat skond dawn ir-Regolamenti jew skond ir-Regolamenti ta' l-1977 jista' jitlob lill-Kummissjoni b'petizzjoni sabiex din tirrevedi l-każ tiegħu bil-għan li tiġi revokata jew emendata r-rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni tkun għamlet kontra tiegħu.

(2) Il-petizzjoni għandha ssir bil-miktub u għandha tintbagħat lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni li għandu javża li jkun irċieva l-petizzjoni.

(3) Il-Kummissjoni għandha meta jsir dan tibgħat kopja tal-petizzjoni lill-Prim Ministru għal kull kumment li huwa jkun jixtieq jagħmel fi żmien xahar minn meta huwa jirċievi dik il-kopja. Malli jgħaddi dak iż-żmien il-Kummissjoni għandha tgħaddi biex teżamina dik il-petizzjoni.

(4) Il-Kummissjoni tista' tippermetti reviżjoni tal-każ jekk, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun sodisfatta li *prima facie* kien hemm każ ta' nuqqas ta' osservanza serja tar-regolamenti tad-dixxiplina jew li jkun sar nuqqas gravi ta' ġustizzja li jirriżulta fi vjolazzjoni ta' ġustizzja naturali jew ta' drittijiet fundamentali:

Iżda l-Kummissjoni m'għandhiex tikkonsidra petizzjoni għal reviżjoni ta' rakkomandazzjoni li tkun għamlet jekk min jagħmel il-petizzjoni jkun diġà għamel talba bħal dik li tkun ġiet miċħuda fuq il-merti tal-każ.

(5) Il-Kummissjoni m'għandhiex tippermetti li tinġieb xiehda ġdida meta tkun qegħda tirrevedi xi rakkomandazzjoni li tkun għamlet ħlief jekk tkun sodisfatta li dik ix-xiedha ma kinitx magħrufa minn qabel jew ma setgħetx titressaq minn min għamel il-petizzjoni meta l-każ kien instema' għall-ewwel darba.

(6) Wara li l-Kummissjoni tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali ta' min jagħmel il-petizzjoni u tal-Kap tad-Dipartiment involut, jew tar-rappreżentanti jew assistenti rispettivi tagħhom, għandha tgħaddi biex tirrakkomanda lill-Prim Ministru jew li għandu jikkonferma r-rakkomandazzjoni oriġinali tagħha jew li għandu jemendaha jew jirrevokaha.

(7) Jekk il-kwistjoni ma terġax tiġi riferita lura lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn jew inkella jekk ma tittieħidx azzjoni fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fl-istess żmien, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lil min għamel il-petizzjoni bir-rakkomandazzjoni li li hija tkun għamlet lill-Prim Ministru.

TAQSIMA VII - TNEĦĦIJA MILL-KARIGA

Raġunijiet għal tneħħija mill-kariga.

**34.** Il-ħatra ta' uffiċjal tista' tintemm għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) fl-interess pubbliku; jew

(*b*) għal assentejiżmu mingħajr *leave*; jew

(*ċ*) bi tkeċċija jew tneħħija b'konsegwenza ta' proċedimenti kriminali jew dixxiplinarji.

Iżda ebda ħaġa f'dawn ir-Regolamenti m'għandha tirrestrinġi s-setgħa tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku milli -

(*a*) jtemm il-ħatra ta' uffiċjal għal żmien bi prova matul iż-żmien tiegħu ta' prova; jew

(*b*) itemm is-servizz ta' uffiċjal li jkollu nomina temporanja; jew

(*ċ*) itemm xi kuntratt jew ftehim skond xi kondizzjoni fl-istess kuntratt jew ftehim.

Irtir fl-interess pubbliku.

**35.** (1) Minkejja dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-Regolamenti, jekk Kap ta' Dipartiment jidhirlu li uffiċjal għandu jiġi mġiegħel li jirtira mis-servizz fl-interess pubbliku hu għandu jirrapporta l-fatt lill-Kap tas-Servizz Pubbliku li għandu -

(*a*) jikseb mingħand il-Kap ta' kull Dipartiment li fih l-uffiċjal ikun serva matul it-tnax-il sena ta' qabel, jew mid-data ta' l-ewwel ħatra tiegħu, skond liema jkun l-iqsar, rapporti dwar ix-xogħol u l-kondotta tiegħu;

(*b*) jagħti lill-uffiċjal opportunità li jqis kull rapport u dokumentazzjoni oħra li tkun se tintuża mill-Kap tas-Servizz Pubbliku biex iġiegħel l-uffiċjal jirtira, sabiex jippermetti lill-uffiċjal juri għaliex m'għandux jiġi mġiegħel li jirtira mis-servizz.

(2) Jekk il-Kap tas-Servizz Pubbliku, wara li jqis ir-rapporti u d-dikjarazzjoni ta' l-uffiċjal u wara li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikun tal-fehma li dak l-uffiċjal għandu jiġi mġiegħel jirtira mis-servizz fl-interess pubbliku, hu għandu jibgħat lill-Kummissjoni r-rapporti tal-Kapijiet tad-Dipartimenti u d-dikjarazzjoni ta' l-uffiċjal flimkien mar-rakkomandazzjoni tiegħu, b'kopja li tintbagħat lill-Kap tad-Dipartiment ta' dak l-uffiċjal u lill-uffiċjal stess.

(3) Minkejja dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-Regolamenti, jekk il-Kap tas-Servizz Pubbliku, fuq informazzjoni li tkun b'xi mod waslitlu, jidhirlu li l-uffiċjal għandu jiġi mġiegħel jirtira mis-servizz fl-interess pubbliku, huwa għandu

josserva l-proċedura preskritta fis-subregolamenti (1) (*a*), (1) (*b*) u (2) ta' dan ir-regolament.

(4) Il-Kummissjoni għandha tagħti lil dak l-uffiċjal li jkunu qegħdin jittieħdu proċedimenti kontra tiegħu, u lir-rappreżentant tiegħu, kull opportunità biex jagħmel sottomissjonijiet orali quddiem il-Kummissjoni.

(5) Wara li tagħmel kull investigazzjoni oħra li tqis li tkun meħtieġa, il-Kummissjoni għandha mbagħad tirrakkomanda lill-Prim Ministru l-azzjoni, jekk ikun il-każ, li fil-fehma tagħha għandha tittieħed kontra l-uffiċjal.

Assentejiżmu mingħajr *leave*.

36. (1) Kull meta Kap ta' Dipartiment ikun sodisfatt li uffiċjal pubbliku jkun assenta ruħu mingħajr *leave* għal perjodu ta' mhux anqas minn għaxart ijiem tax-xogħol konsekuttivi, il-Kap tad-Dipartiment għandu javża lil dak l-uffiċjal li kemm-il darba ma jiġġustifikax l-assenza tiegħu fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data ta' dak l-avviż, l-uffiċjal se jiġi kkunsidrat bħala li jkun irriżenja mis-servizz pubbliku b'seħħ mill-ħdax-il jum tax-xogħol ta' l-assenza tiegħu mhux awtorizzata.

(2) Jekk uffiċjal li jkun assenta ruħu mingħajr *leave* kif imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament imur lura għax-xogħol qabel id-data ta' l-avviż mill-Kap tad-Dipartiment, jew qabel tmiem l-għaxart ijiem tax-xogħol imsemmija fis-subregolament (1), huwa għandu jitħalla jkompli b'dmirijietu mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni dixxiplinarja li l-Kap tad-Dipartiment jista' jieħu skond dawn ir-Regolamenti.

## TAQSIMA VIII - MIXXELLANJI

Proċedura li tiġi segwita meta uffiċjali jitlaq mis-servizz fil-waqt li jkunu għaddejjin proċedimenti dixxiplinarji. *Sostitwit: A.L. 247 tal-2012.*

37. (1) Meta uffiċjal li jkun għaddej fi proċedimenti dixxiplinarji kontrih jirriżenja jew jirtira mis-servizz pubbliku jew xort'oħra jtemm milli jibqa' uffiċjal pubbliku qabel ma jintemmu dawk il-proċedimenti, il-Kap ta' Dipartiment għandu jitlob lill-uffiċjal akkużat jiddikjara, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol, jekk ikunx irid li l-proċedimenti dixxiplinarji jitkomplew biex ikun jista' jkollu l-opportunità li jiskolpa ruħu, jew jekk ikunx irid li l-proċedimenti dixxiplinarji jiġu sospiżi.

(2) Jekk l-uffiċjal jagħżel li jkompli għaddej bil-proċedimenti u jiġri li wara jinsab ħati, m'għandha tingħatalu ebda piena, iżda għandu jsir notament dwar ir-riżultanzi tal-Bord ta' Dixxiplina fir-*record* tas-servizz ta' dak l-uffiċjal.

(3) Jekk l-uffiċjal jagħżel li l-każ jiġi sospiż, huwa għandu jikkonferma dan bil-miktub u għandu jsir notament dwar dan fir-*record* tas-servizz tiegħu fejn jiġi dikjarat li meta telaq mis-servizz, l-uffiċjal kellu każ ta' dixxiplina pendenti.

(4) Jekk fiż-żmien stabbilit, l-uffiċjal jonqos milli jiddikjara xi tkun l-għażla li huwa jagħmel, il-każ jiġi sospiż u titniżżel nota fir-*record* tas-servizz tiegħu fejn jingħad li meta telaq mis-servizz, l-uffiċjal kellu każ ta' dixxiplina pendenti.

(5) Jekk jiġri li persuna li tkun instabet ħatja kif hemm fis-subregolament (2) terġa' tidħol fis-servizz pubbliku, sew fl-istess

kariga li kellha sew f'kariga differenti, il-Kap ta' Dipartiment li jkun issa responsabbli għall-uffiċjal għandu, fi żmien sitt xhur minn meta dak l-uffiċjal jerġa' jidħol fis-servizz, jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar jekk għandhomx jitkomplew il-proċedimenti dixxiplinarji jew le bil-għan li tiġi imposta l-piena dixxiplinarja adatta; u jekk il-Kummissjoni tordna li l-proċedimenti għandhom jitkomplew, il-Kap ta' Dipartiment għandu jimxi skont ir-regolament 26 jew kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti li tista' tkun tapplika.

(6) Jekk jiġri li persuna li jkollha każ ta' dixxiplina sospiż kif hemm fis-subregolamenti (3) jew (4) sussegwentement terġa' tidħol fis-Servizz, sew fl-istess kariga li kellha sew f'kariga differenti, il-Kap ta' Dipartiment li jkun issa responsabbli għall-uffiċjal għandu, fi żmien sitt xhur minn meta dak l-uffiċjal jerġa' jidħol fis-servizz, jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar jekk għndhomx jitkomplew il-procedimenti dixxiplinarji jew le; u jekk il-Kummissjoni hekk tordna, il-Kap ta' Dipartiment għandu jkompli għaddej bil-proċedimenti mill-fażi li jkunu waslu fiha qabel ma jkunu twaqqfu, ħlief li -

(*a*) kull terminu ta' żmien li japplika għandu jitqies li jibda għaddej mid-data meta l-Kap ta' Dipartiment jiġi mgħarraf mill-Kummissjoni li l-proċedimenti għandhom jitkomplew, jew minn kull data oħra li tista' tkun tapplika; u

(*b*) kemm-il darba l-Bord ta' Dixxiplina ma kienx ippreżenta r-rapport tiegħu fil-proċedimenti oriġinali, il-Kap ta' Dipartiment għandu jaħtar lill-istess Bord ta' Dixxiplina jew Bord ġdid biex jittratta l-każ skont l-akkużi miġjuba kontra l-uffiċjal fil-proċedimenti oriġinali.

**38.** Meta uffiċjal li kontra tiegħu jkun hemm pendenti proċedimenti kriminali, ma jibqax uffiċjal pubbliku jew għax jirriżenja, jirtira jew xort'oħra, qabel ma jiġu konklużi dawk il-proċedimenti, m'għandha tinbeda ebda azzjoni dixxiplinarja skond dawn ir-Regolamenti jew tingħata xi piena. Madankollu, il-Kap ta' Dipartiment għandu jsegwi l-każ sabiex ikun jista' jsir in-notament dwar id-deċiżjoni tal-Qorti fir-*record* tas-servizz ta' dak l-uffiċjal.

Proċedura li tiġi segwita meta uffiċjal jitlaq mis-servizz fil-waqt li jkunu għaddejjin proċedimenti kriminali.

**39.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 114 tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra, uffiċjal pubbliku li jitkeċċa mis-servizz jitlef kull dritt u pretensjoni għal pensjoni, gratifikazzjoni jew ħlas ieħor. Uffiċjal pubbliku li jitkeċċa jitlef ukoll kull dritt u pretensjoni li huwa jkollu għall-*leave* bi ħlas.

Telfien ta' pensjoni, ecc., wara tkeċċija.

**40.** Ebda membru tal-Kummissjoni, la s-Segretarju Eżekuttiv u lanqas xi membru ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni, lanqas xi uffiċjal, Bord jew Awtorità Pubblika li jkollhom setgħat u funzjonijiet skond dawn ir-Regolamenti, jew xi persuna oħra, m'għandha, mingħajr il-permess bil-miktub tal-Prim Ministru, tippubblika jew tikxef lil xi persuna, ħlief fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tagħha, il-kontenut ta' xi dokument, komunikazzjoni jew informazzjoni oħra tkun li tkun, li jkollu x'jaqsam ma' xi azzjoni li ttieħdet skond dawn ir-Regolamenti u li tkun saret taf biha.

Segretezza.
*Emendat:*
*A.L. 345 tal-2009.*

L-inosservanza tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandu, fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, jikkostitwixxi mġiba ħażina u, jew ksur ta' dixxiplina.

Skadenzi.

**41.** Kull żmien li jiskadi kif preskritt f'dawn ir-Regolamenti jista', jekk tinġieb raġuni tajba, jiġi mtawwal mill-Kummissjoni kemm-il darba t-talba għal dan issir qabel ma jiskadi dak iż-żmien partikolari.

Rapporti annwali, eċċ. *Emendat: A.L. 67 ta' l-2006.*

**42.** (1) Il-Kap tas-Servizz Pubbliku u kull Kap ta' Dipartiment li lilu jiġi delegat il-kontroll dixxiplinarju għandu jagħmel ir-rapporti tiegħu dwar kwistjonijiet ta' dixxiplina lill-Kummissjoni b'tali frekwenza, u f'dik l-għamla u li jkunu jittrattaw dwar dawk il-kwistjonijiet kif il-Kummissjoni tista' tippreskrivi. Iktar minn hekk, il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jiżguraw illi fir-rapport tiġi mogħtija lista separata dwar kull kategorija ta' reat (gravi, minuri, sommarja, kriminali).

(2) Il-Kummissjoni tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tippubblika rapporti annwali ta' dixxiplina kif ukoll rapporti ta' inkjesti fl-eżerċizzju tal-kontroll dixxiplinarju, flimkien mar-rimarki tagħha dwar kull kwistjoni li jkollha x'taqsam ma' dan kollu.

Riżerva. *Sostitwit: A.L. 247 tal-2012.*

**43.** Meta proċedimenti dixxiplinarji jew petizzjonijiet għal reviżjoni ta' rakkomandazzjoni mgħoddija tal-Kummissjoni jkunu nbdew taħt u kif hemm fir-Regolamenti tal-1977 (mħassra taħt dawn ir-regolamenti), dawk il-proċedimenti jew reviżjoni għandhom jitkomplew u jintemmu taħt u kif hemm fir-regolament hawn aktar qabel imsemmija bħallikieku r-Regolamenti tal-1977 ma kienux tħassru:

Iżda d-dispożizzjonijiet dwar pieni dixxiplinarji li japplikaw fil-każ ta' dawk il-proċedimenti jew reviżjoni għandhom ikunu dawk sew fir-Regolamenti tal-1977 sew f'dawn ir-regolamenti li jkunu l-aktar favorevoli għall-uffiċjal akkużat.

SKEDA TA' REATI U PIENI

(Regolament 29)

*Emendata: A.L. 67 ta' l-2006; A.L. 247 tal-2012.*

1. L-elenku ta' reati speċifikati bħala reati żgħar u gravi fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda għandu jitqies bħala li huwa biss wieħed illustrattiv u indikattiv u mhux wieħed eżawrjenti.

2. Iċ-ċirkostanzi speċifiċi li jagħtu lok għal reat għandhom jitqiesu wkoll sabiex jiġi stabbilit jekk reat għandux jaqa' fil-kategorija ta' reat żgħir jew gravi, u jkun fid-diskrezzjoni tal-Kap tad-Dipartiment kif provdut fir-regolament 20(2)(*a*) ta' dawn ir-Regolamenti sabiex jiġi stabbilit kif għandu jiġi ttrattat reat partikolari għall-fini ta' l-applikazzjoni tal-pieni speċifikati f'din l-Iskeda:

Iżda meta direttiva maħruġa taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika tispeċifika li ksur tal-imsemmija direttiva għandhom jiġu meqjusa bħala reat serju, il-Kap ta' Dipartiment m'għandux jeżerċita id-diskrezzjoni msemmija hawn qabel u għandu jqis kull ksur bħal dan tal-imsemmija direttiva bħala reat serju.

3. Kategoriji ta' Reati.

3.1. Reati Żgħar (mingħajr konsegwenzi gravi):

(*a*) nuqqas ta' puntwalità abitwali;

(*b*) assenza mill-uffiċċju jew minn fuq il-post tax-xogħol mingħajr *leave* jew permess;

(*ċ*) tnikkir fuq ix-xogħol;

(*d*) diżubbidjenza ta' l-istruzzjonijiet superjuri jew insubordinazzjoni;

(*e*) nuqqas ta' osservanza jew ta' ubbidjenza tar-regoli u regolamenti;

(*f*) ġlied jew storbju fuq il-post tax-xogħol;

(*g*) ħabi tax-xogħol difettuż li wieħed jagħmel;

(*h*) wieħed ikun taħt l-influwenza tax-xorb jew droga waqt il-ħin tax-xogħol;

(*i*) negliġenza fit-twettiq tad-dmirijiet jew xogħol ta' kafkaf jew difettuż jew produzzjoni ta' xogħol taħt il-livell normali;

(*j*) kliem ħażin;

(*k*) meta tingħata nformazzjoni żbaljata;

(*l*) simulazzjoni ta' mard.

3.2 Reati Gravi (meta ma jinbdewx proċedimenti kriminali):

(*a*) kondotta li tnaqqas mir-reputazzjoni tad-dipartiment jew, b'mod iktar ġenerali, tiddiżunura s-servizz pubbliku;

(*b*) mġiba arroganti, abużiva jew vjolenti lejn il-pubbliku jew uffiċjali pubbliċi oħra;

(*ċ*) nuqqas ta' eżerċizzju ta' funzjonijiet ta' superviżjoni kif jixraq;

(*d*) diżubbidjenza ta' istruzzjonijiet superjuri jew insubordinazzjoni b'konsegwenzi gravi;

(*e*) traskuraġni gravi jew abbandun ta' dmirijiet;

(*f*) mġiba vjolenti jew ta' theddid jew użu ta' kliem offensiv jew ħażin ma'

uffiċjal superjuri;

(*g*) ħsara fi proprjetà tal-gvern;

(*h*) mġiba immorali, indeċenti jew li tagħmel għajb fuq il-post tax-xogħol;

(*i*) użu ħażin ta' flus, proprjetà jew tagħmir tal-gvern;

(*j*) negliġenza gravi waqt ix-xogħol;

(*k*) tbagħbis jew użu ħażin ta' karti u *records* ta' l-attendenza (inklużi *punch cards*/arloġġi);

(*l*) falsifikazzjoni jew użu ħażin jew tbagħbis ta' dokumenti uffiċjali;

(*m*) żvelar ta' tagħrif sigriet jew kunfidenzjali;

(*n*) assenza mhux awtorizzata ta' iktar minn jum/*shift* wieħed;

(*o*) fastidju sesswali;

(*p*) użu ħażin ta' apparat elettroniku;

(*q*) vittimizzazzjoni ta' xhieda jew ta' xi uffiċjal/persuna li jkun għamel rapport jew qeda dmiru taħt ir-regolamenti;

(*r*) ksur ta' jew nuqqas ta' ubbidjenza fir-rigward ta' direttivi maħruġa taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

(*s*) reati oħra li jinsabu elenkati taħt "Reati Żgħar" iżda li jkollhom konsegwenzi gravi.

3.3 Meta xi att uniku jew kontinwu jista' jiġi klassifikat taħt il-paragrafu kemm 3.1 kemm 3.2, dak ir-reat għandu jiġi klassifikat taħt il-paragrafu 3.2.

4. Pieni.

Il-pieni li jistgħu jingħataw wara li tittieħed azzjoni dixxiplinarja skond dawn ir-Regolamenti jkunu dawn li ġejjin:

4.1 Pieni għal Reati Żgħar.

| | Piena |
|---|---|
| (*a*) Għall-Ewwel Każ Dixxiplinarju | Twiddiba bil-miktub |
| (*b*) Għat-Tieni Każ Dixxiplinarju | Sospensjoni bla paga għal żmien definittiv sa tliet (3) ijiem tax-xogħol |
| (*ċ*) Għat-Tielet Każ Dixxiplinarju | Sospensjoni bla paga għal żmien definittiv sa ħamest (5) ijiem tax-xogħol u "Twissija ta' Tkeċċija" |
| (*d*) Għar-Raba' Każ Dixxiplinarju | Tkeċċija: |

Iżda biex jiġi stabbilit jekk l-akkuża dixxiplinarja tkunx l-ewwel, it-tieni, it-tielet jew ir-raba' każ minuri, li ma tkunx tmexxiet taħt ir-regolament 19, m'għandhomx jitqiesu reati li jkunu saru qabel erbgħa u għoxrin xahar mid-data tar-reat li jkun qed jiġi investigat.

Iżda wkoll, twiddiba bil-miktub tiskadi wara tnax-il xahar mid-data li tinħareġ it-twiddiba bil-miktub, jekk ma jsir l-ebda reat ieħor f'dak iż-żmien.

4.2 Pieni għal Reati Gravi (inklużi il-kundanni f'każ kriminali):

(*a*) Sospensjoni bla paga għal żmien definittiv għal żmien ta' mhux iżjed minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol, jew

(*b*) Sospensjoni bla paga għal żmien definittiv għal żmien ta' mhux iżjed minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol u "Twissija ta' Tkeċċija", jew

(*ċ*) Tkeċċija:

Iżda l-piena fis-subparagrafu (*a*) tal-paragrafu 4.2, jiġifieri, "sospensjoni bla paga għal żmien definittiv ta' mhux iżjed minn ħamest ijiem tax-xogħol" ma tistax tingħata għal iktar minn żewġ każi dixxiplinarji gravi:

Iżda wkoll fil-każ ta' uffiċjal li jkun ġie sospiż temporanjament, id-disposizzjonijiet tar-regolament 12(7) għandhom japplikaw ukoll:

Iżda wkoll fil-każ ta' uffiċjal pubbliku li jinsab ħati ta' akkuża kriminali minn xi Qorti, il-Kummissjoni tista', meta jkun hekk meħtieġ, fid-diskrezzjoni tagħha tirrakkomanda lill-Prim Ministru pieni oħra b'żieda jew minflok dawk elenkati fil-paragrafu 4.2 ta' din l-Iskeda:

Iżda wkoll meta l-Kummissjoni tirrakkomanda twissija ta' tkeċċija bħala piena, il-Kummissjoni tkun tista' wkoll, fid-diskrezzjoni tagħha, tirrakkomanda li din it-twissija ta' tkeċċija tiġi mħassra fit-tmiem ta' perjodu ta' żmien speċifikat mill-Kummissjoni.